## Sekwenza tal-emails li jidhru hawn taht:

| | |
|---|---|
| Sun, Apr 5, 2020 at 4:14 PM | Nibghat email lil burials.ph@gov.mt rigward caqliq ta' kadavri minn osswarju f'kannierja taht knisja minghajr ma nispecifika l-post. |
| 14 April 2020 12:20 | Peress li dawk ta' burials.ph@gov.mt kienu baqghu ma rrispondewx ghal l-email li baghtillhom, f'din id-data intbaghtet email minn tali persuna lill-istess burials.ph@gov.mt fejn ghamlet semplici copy u paste ta' email li ghidtilha biex tibghatilhom taparsi omma kienet inqalghet minn qabar privat minghajr ma qalulha. |
| Thursday, April 23, 2020, 11:16:28 AM | Dawk ta' burials.ph@gov.mt jirrispondu ghall-email li baghtitilhom din it-tali persuna fi zmien 9 t'ijiem, waqt li ghall-email tieghi kienu baqghu ma rrispondewx wara 18-il gurnata. |
| Thursday, April 23, 2020, 11:58:11 AM | Naghmel forward tal-email originali li kont baghat lil burials.ph@gov.mt fid-data ta' Sun, Apr 5, 2020 at 4:14 PM lill-istess tali persuna. |
| Thursday, 23 April 2020 12:25 | Din l-istess tali persuna taghmel forward tal-email originali tieghi li kont ghadni kif ghamiltilha forward, lil dawk ta' burials.ph@gov.mt bhala reply tal-email li kienet ghadha kif irceviet minghandhom aktar qabel. |
| Fri, 8 May 2020 9:40 PM | Nikteb mill-gdid lil heritage.superintendence@gov.mt billi naghmlilhom forward ta' email li kont baghat fid-data ta' Fri, Apr 10, 9:45 AM lil certu kevin.borda@gov.mt (Head Heritage Data Management & Research) rigward "Patrimonju ta' min jigi salvat" fl-isptar Monte Carmeli u li wara kwazi xahar kont bqajt ma rcivejt l-ebda risposta. Apparti li nistaqsi dwar dan, nistaqsi wkoll dwar il-kaz ta' caqliq ta' kadavri minn osswarju li kont infurmajt bihom lil burials.ph@gov.mt u bqajt bla risposta min ghandhom, liema emails qed nibghathom lil heritage.superintendence@gov.mt permezz ta' dan il-pdf file. |

**From:** [redacted]@yahoo.com <[redacted]@yahoo.com>
**Sent:** 14 April 2020 12:20
**To:** Burials at Health Regulation <burials.ph@gov.mt>
**Subject:** [EXTERNAL] - Sbarazzar ta' qabar minghajr ma qaluli

M'hilux fuq is-social media gie ccirkulat video ta' wiehed li semma' kif missieru inqala' mill-qabar tal-komun biex thallat ma katavri ohra jekk addirittura ma ntremewx xi partijiet minnu wkoll.

Jien ghandi kaz simili. Lill-ommi konna dfinniha f'qabar privat ta' habib ta' missieri. Gara li madwar sena ilu ulied dan il-habib ta' missieri (ghax hu kien miet sadanittant) naddfu l-qabar taghhom minghajr ma qalulna u sussegwentament sirna nafu li meta sar dan, lill-ommi kienu qalu lid-deffien biex jitfghuha fl-osswarju fic-cimiterju fejn jitghu l-ghadam ta' dawk li jkunu ndifnu f'oqbra tal-komun. Gabulna l-iskuza ghax ma konniex hallasnihom tal-pjacir talli kienu hallew lill-ommi tindifen fil-qabar taghhom u li kellhom jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez biex naddfu l-qabar. Jien kieku saqsewni ghall-flus kont lesta nohrog sehmi bil-qalb kollha.

Li ridt insaqsik hu jekk nistghax infittex lid-deffien u lil dawn li hekk vilment ramewli darba ghal dejjem il-fdalijiet t'ommi b'dan il-mod minghajr ma avzawni.

A[redacted]

On Thursday, April 23, 2020, 11:16:28 AM GMT+2, Burials at Health Regulation <burials.ph@gov.mt> wrote:

Ghaziza Annemarie Vella,

Ninfurmak illi ebda fdalijiet minn oqbra privati ma jigu trasportati ghal-ossarji tal-Gvern.

Meta qabar privat jitnaddaf, il-fdalijiet tal-persuni mnaddfa jitpoggew fil-livell ta' that tal-istess qabar.

Sabiex inkun nista ntik aktar informazzjoni dwar il-kaz ta' ommok nitolbok taghtini isem u kunjomha u data tal-mewt taghha sabiex nikkonferma dak li qed tghid.

Paul Spiteri
Environmental Health Practitioner - Reg. No. 134
Department for Health Regulation
Environmental Health Directorate – Burials Regulatory Unit

**t:** +356 21675936 **|** **m:** +356 77456773 **|** **e:** paul.spiteri@gov.mt
**w:** https://health.gov.mt **|** **w:** www.publicservice.gov.mt
Valletta 2018 - European Capital of Culture www.valletta2018.org

MINISTRY FOR HEALTH

**ENVIRONMENTAL HEALTH DIRECTORATE**

**BURIALS REGULATORY UNIT**

Ċimiterju Sta. Marija Addolorata, Paola PLA9010

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail.*

***This message may contain sensitive information and is intended solely for the individual named. If you are not the intended recipient you should not disseminate, distribute or copy the contents of this e-mail. If you have received this message by mistake, please notify the sender immediately and permanently destroy both the message and its contents. The security, reliability of delivery and integrity of this e-mail transmission cannot be guaranteed as information could be modified in transit or may contain viruses. The sender, therefore, does not in any way accept any liability that may arise through this message.***

## A[redacted]

**From:** [redacted]@yahoo.com
**Sent:** Thursday, 23 April 2020 12:25
**To:** Burials at Health Regulation
**Subject:** Re: [EXTERNAL] - Sbarazzar ta' qabar minghajr ma qaluli
**Attachments:** 2013_0610_233839.jpg; 2013_0821_022539.jpg; 2013_1105_041616.jpg; 2013_1106_032918.jpg

Mela Sur Paul Spiteri ha niktiblek b'dan l-email ghax ghandikun fejn trid taf tirrispondihom l-emails. Qed naghmillek forward ta' email li certu Nicholas Grech kien baghtlek lura fil-5 t'April li ghadda rigward caqliq ta' diversi katavri ta' osswarju taht knisja u li kont bqajt ma rrispondejtux dwarha.

Jekk skont int "ebda fdalijiet minn oqbra privati ma (jistghu) jigu trasportati ghal-ossarji tal-Gvern", il-logika tghidli li caqliq ta' diversi katavri minn osswarju hi bil-wisq u wisq aktar gravi minn caqliq ta' semplici katavru wiehed minn qabar privat ghal tal-Gvern. Allura ghal xi haga bil-wisq u wisq aktar gravi kont nippretendi li tirrispondi f'iqsar zmien mhux addirittura bqajt ma rrispondejtux.

A[redacted]

----- Forwarded Message -----
**From:** Nicholas Grech <[redacted]@gmail.com>
**To:** "[redacted]@yahoo.com" <[redacted]@yahoo.com>
**Sent:** Thursday, April 23, 2020, 11:58:11 AM GMT+2
**Subject:** Fwd: Caqlieq ta' kadavri f'kannierja

---------- Forwarded message ---------
From: **Nicholas Grech** <[redacted]@gmail.com>
Date: Sun, Apr 5, 2020 at 4:14 PM
Subject: Caqlieq ta' kadavri f'kannierja
To: <burials.ph@gov.mt>

Ghadni kif rajt il-video ta' certu **Shannon Chircop**

**Đăng nhập Facebook | Facebook**
Hãy đăng nhập Facebook để bắt đầu chia sẻ và kết nối với bạn bè, gia đình và những người bạn biết.

fejn semma li missieru nqala mill-qabar minghajr ma kien infurmat kif suppost inhi l-procedura.

Jien sa certu punt ghandi problema simili, imma ma tikkoncernax biss lili imma nahseb sa certu punt rahal shih u addirittura parti mill-patrimonju tar-rahal biex tkun aktar vili. Tikkoncerna kannierja taht knisja fejn f'din partikulari kienu baqghu jidfnu fiha sa cirka Frar 1974. Nannuhi miet fl-1970, nannti fl-1954 u taf wara sentejn kienu qalhuhom mill-qabar u tefghuhom mal-ghadam l-ohra fl-osswarju ta' l-istess kannierja ghax ma kellniex qabar privat. Barra dawn, fl-osswarju minn jaf kemm kien hemm antenati ohra jigu minni. Qed nghid "kemm kien hemm" ghax l-illustru Arcipriet tar-rahal li ghandna xi sena sentejn ilu fettillu jisbarazza parti sew mill-osswarju biex ta' mbecillat li hu

"tinfetah b'esebiti maqgħuda mal-ġimgħa l-kbira u l-Għid biex nibqgħu fil-kuntest tal-mewt u l-qawmien," daqshekk hu bniedem ikkulturat. Il-katavri li kien qghad hemm fl-oqbra u fl-osswarju ta' din il-kannierja kienu hafna minnhom (mhux kollha) immumifikati naturalment bil-gilda tispicca minflok tiehu lewn skur u d-deffien li kien jaqla' kien jitfghahhom fl-osswarju addiruttura bil-hwejjeg b'kollox li jkunu tkeffnu fihom. Minn dawn il-katavri, l-Arcipriet, flok muzew bil-hmerijiet, seta' facilment utilizza whud minnhom biex holoq muzew kif kien isir id-dfin, u billi jesebixxi whud minnhom biex wiehed jiehu ideja ta' kif kienu jkeffnuhom f'dawk iz-zminijiet, ezempju kont tkun membru ta' xi fratellanza tkun bil-kunfratija, tkun mara mod iehor, ecc., u b'mod partikulari biex bil-mod kif spiccaw immummifikati kwazi tisthajjilhom iridu jkellmuk qed jistennew il-hniena tieghek, kien verament johloq sensazzjoni f'min izur fil-post biex jirrejalizza kemm il-bniedem hu nsinifikanti fejn id-Divin ghax meta jrid jsejjahlu ghal fejnu u ma jibqa' xejn minnek u mill-arja li jkollok.

Biex nigi ghall-punt, biex sbarazza parti sew mill-osswarju mill-katavri li kien fih, hareg nassumi mijiet minnhom u deffes kemm felah f'xi oqbra li kienu vojta - tista' timmagina kemm id-deffiena li qabbad minn jaf qabzu fuqhom biex f''tali qabar li kien jesa' massimu ta' xi 3 twiebet deffsu kemm felhu. Jista' jkun li anki tefa' ohrajn f'oqbra li kienu ghadhom bil-mejtin qatt ma nqalghu imma ma jidhirx li sar hekk ghax donnu ghadhom bit-tajn originali. Allura l-problema erga akbar tigi li b'dawn il-ftit oqbra li kellu ghad-dispozizzjoni, hu fatt ovvju li hafna minn dawn il-katavri spiccaw INHARGU MILL-KANNIERJA biex thalltu ma ohrajn darba ghal dejjem, fejn taf forsi tefghuhom fl-osswarju tac-cimiterju tar-rahal jew tal-Addolorata jew addirittura maz-zibel taf int.

Li ridt insaqsik hu jekk

1. F'dawn l-ahhar sena sentejn 2018 jew 2019 kellekx xi applikazzjoni minn xi Arcipriet biex jisbarazza osswarju f'kannierja taht knisja mill-katavri (naraha mpossibli li seta' kien hemm aktar minn applikazzjoni wahda ta' dan it-tip) u addirittura johrog ammont sostanzjali minnhom darba ghal dejjem mill-post biex jitfaghhom post jew postijiet ohra (jekk ma kellekx applikazzjoni, hi l-konferma li kollox sar minn taht minghajr awtorizzazzjoni u allura lokk ghall-abbuz biex x'aktarx parti sostanzjali helsu minnhom ramewhom maz-zibel).
2. F'kaz li kellek applikazzjoni simili, baghattu lil xi hadd biex izomm ghajnu fuq li kien qed isir biex ma jkunx hemm abbuzi, ghax dan m'ahniex qed nitkellmu fuq deffien li fetah qabar u naddaf nghidu ahna erba' katavri, imma osswarju fejn mijiet ta' katavri ccaqalqu minn posthom fosthom l-gheziez niesi.
3. F'kaz li kellek applikazzjoni simili, kemm kien in-numru ta' katavri li nhargu mill-osswarji u f'liem post jew postijiet tpoggew minflok.
4. F'kaz li kellek applikazzjoni simili, min kienu d-deffiena responsabbli.
5. Ukoll, apparti applikazzjoni quddiemek bhala l-bniedem responsabbli mid-dfin u mic-cimiterji, suppost li saru applikazzjonijiet quddiem awtoritajiet ohra ghal xoghol simili bhal Planning Authority jew Heritage Malta peress li qed nitkellmu fuq patrimonju?

Qed nibghatlek ritratti attachment ta' whud mill-katavri kif kienu jispiccaw immummifikati naturalment u kienu ghadhom fi stat hekk tajjeb sa ftit ilu (ritratti mehuda lejn Novembru 2013 jew xi xhur qabel) - illum kollox meqrud darba ghal dejjem frott l-injoranza ta' nies bla kultura. L-unika patrimonju li fadal minnhom taf huma propju dawn ir-ritratti li qed nibghatlek, daqshekk hi vili.

Nicholas Grech

*(ghal darb'ohra nibqa' ma nircievi l-ebda Acknowledgement ta' din l-email. Ghal minn iridu ma jezistux ligijiet u jistghu jaghmlu li jridu u addijo nisek u patrimonju)*